MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 150/2008

Kawza fil-lista: 40

**A B bhala kuratrici ‘ad litem’**
**taz-zewg uliedha minuri C u D, tewmin B**
**vs**
**E F, u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-esponenti kellha relazzjoni ma’ l-intimat E F li minnha twieldu z-zewg ulied Paul u D ahwa tewmin B fil-21 ta’ Gunju 2006;

Illi b’ dan kollu l-intimat qed jichad li jaghraf lill-minuri B bhala wliedu u qed jonqos li jhallas l-alimenti dovuti ghalkemm interpellat jaghmel hekk;

Ghaldaqshekk l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-minuri Paul u D ahwa tewmin B huma ulied naturali ta’ l-intimat E F;

2. Tiffissa retta alimentari xierqa ghaz-zewg minuri Paul u D ahwa tewmin B;

3. Tikkundanna lill-intimat E F jhallas ir-retta alimentari hekk iffissata, u dan sa mill-jum tat-twelid taghhom;

4. Tordna tiswija fl-att tat-twelid rispettiv ta’ kkull wiehed mill-minuri Paul u D ahwa tewmin B – 2031/2006 u 2032/2006 rispettivament – billi minflok il-kliem “unknown father” fil-kolonna ‘isem u kunjom missier it-tarbija’ jitnizzlu isem u kunjom l-intimat ‘E F’ minbarra kull taghrif iehor talvolta mehtieg mill-intimat l-iehor, id-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, imharrka minn issa in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut E F li biha eccepixxa:

1. Illi, in linea preliminari, il-konvenut jirrileva illi t-tieni u t-tielet talba attrici huma intempestivi stante illi t-talbiet huma ghall-ghoti ta’ manteniment. Dawn it-talbiet saru qabel ma giet imsejjha il-Qorti tal-Familja sabiex issir il-procedura tassattiva tal-medjazzjoni skond il-ligi. Ghaldaqstant dawn it-talbiet huma intempestivi u nieqsa mir-rekwiziti tal-ligi;

2. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni hi guridikament inammissibbli stante illi sabiex jigu raggunti t-talbiet attrici ma setghu qatt isiru f’ azzjoni wahda;

3. Illi fil-mertu, l-konvenut qed jikkontesta l-ewwel talba u dana stante illi ghandu dubji serji kemm hu effettivament il-missier naturali ta’ Paul u D ahwa tewmin B u dana peress illi l-attrici kellha diversi relazzjonijiet ma’ rgiel differenti fl-istess perjodu ta’ zmien;

4. Illi ghar-rigward tar-raba’ talba l-konvenut ghandu riservi stante illi jezistu dubji reali dwar il-paternita’ tal-minuri in kwistjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi l-esponent mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tat-tieni u tat-tielet talba dedotta fir-rikors guramentat;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrenti tispecifika d-dettalji personali kollha ta’ l-allegat missier naturali l-intimat E F sabiex jekk it-talbiet jintlaqghu, dawn id-dettalji jkunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid tal-minuri in kwistjoni.

4. Illi minghajr pregudizzju wkoll, jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqghu l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett;

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat li l-process tal-medjazzjoni nghalaq, u ma kellux ezitu pozittiv;

Rat l-atti relattivi;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi l-gudizzju odjern huwa limitat ghat-tieni [2] u t-tielet [3] talba ta' l-attrici, li jirrigwardaw l-hlas lilha minghand il-konvenut E F ta' manteniment, arretrat u futur, ghaz-zewg uliedhom. Paul u D, tewmin, li twieldu fil-21 ta' Gunju 2006, u li ghalhekk illum ghadhom minorenni.

**Il-Fatti**
Illi, filwaqt li l-attrici kienet thalliet fil-ghama dwar l-introjtu tal-konvenut, dan minn naha tieghu ma ressaq ebda prova f' dan ir-rigward.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax li l-konvenut ma jahdimx, jew m' ghandux kapacita' li jahdem, u ghalhekk ma jistax jigi ezentat mill-obbligu tieghu bhala genituri tat-tfal minuri li jikkontribwixxi ghall-manteniment taghhom.

Illi in tema legali jnghad li, kif sostnut mill-gurisprudenza, l-obbligu tal-genitur li jmantni, jew jikkontribwixxi ghal manteniment tal-wild naturali tieghu, huwa wiehed assolut fis-sens li d-dizokkupazzjoni mhijiex raguni valida fil-ligi biex tezentah minn dan l-obbligu.

Illi fil-kaz in dizamina, stante li ma ngabux provi dwar il-quantum tal-manteniment, u tenut kont li l-hlas ta' manteniment da parti tal-konvenut huwa fl-interess tal-minuri, din il-Qorti ser tasal ghall-komputazzjoni arbitrio viri tar-rata alimentarja dovuta mill-konvenut lill-attrici ghal dan l-iskop.

**Manteniment**
Illi fil-fehema tal-Qorti huwa ekwu li l-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaz-zewg ulied is-somma ta'

mitejn u tlieta u tletin ewro [€233] fix-xahar; liema ammont ghandu jitnaqqas mill-paga tieghu u jintbaghat direttament lill-attrici fl-indirizz residenzjali taghha; u fil-kaz li l-konvenut ma jkunx qed jahdem, u jkun qed jircevi assistenza socjali, terz [1/3] ta' kull beneficju socjali li jkun qed jiehu ghandu jinghata direttament lill-attrici akkont tal-menteniment dovut minnu. Dan il-manteniment jibqa' dovut mill-konvenut sakemm it-tfal jsiru maggjorenni.

Illi rigward il-manteniment arretrat, cioe'dak dovut mill-konvenut lill-attrici mil-21 ta' Gunju 2006, il-Qorti qed tiffissa arbitrio boni viri manteniment ta' mija u erbghin ewro [€140] fix-xahar ghaz-zewgt-it tfal; u ghalhekk sallum il-konvenut ghandu jghati lill-attrici s-somma ta' ~~hames mija u sittin ewro [€560].~~[1]

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar it-tieni u t-tielet talba billi tilqa' l-istess, fil-limiti u fis-sens kif fuq ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment', u tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici l-manteniment, arretrat u futur, kif fuq stabbilit u ordnat.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Kliem ikkancellat u sostitwit bil-kliem: "sitt elef, seba' mija u ghoxrin ewro (€6,720)" b'digriet tat-28 ta' Lulju, 2010.